31996R2214

L 296/8 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 21.11.1996

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2214/96

## ta' l-20 ta' Novembru 1996

## li jikkonċerna indiċi armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur: trasmissjoni u tixrid ta' sotto-indiċi tal-HICP

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 rigward indiċi armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur ([1]),

Billi, bis-saħħa ta' l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95, kull Stat Membru hu mitlub li jipproduċi indiċi armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP) li jibda bl-indiċi għal Jannar 1997;

Billi l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2494/95 jeħtieġ li l-Istati Membri jipproċessaw id-data miġbura sabiex jipproduċu l-HICP li jkopri il-kategoriji tal-Coicop (klassifikazzjoni tal-konsum individwali skond l-iskop); billi jeħtieġ li dawn il-kategoriji jiġu addattati;

Billi l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 2494/95 jirrikjedi li l-HICP u s-sotto-indiċi korrispondenti għandhom jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni (Eurostat); billi jeħtieġ li dawn is-sotto-indiċi jiġu speċifikati;

Billi miżuri ta' implimentazzjoni huma neċessarji sabiex tiġi assigurata l-paragunabilità ta' l-HICP skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għal Programmi ta' l-Istatistiċi (SPC), stabbilit b'Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([2]);

Billi l-Istitut Monitarju Ewropew ġie kkonsultat b'mod konformi ma' l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95 u ta opinjoni pożittiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu1*

### Għan

L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jistabbilixxi s-sotto-indiċi ta'l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP) li l-Istati Membri għandhom jipprovdu ta' kull xahar, u jittrasmettu lil u mxerred mill-Kummissjoni (Eurostat).

([1]) ĠU L 257, tas-27.10.1995, p. 1.
([2]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

*L-Artikolu2*

### Definizzjonijiet

Għall-għan ta' dan ir-Regolament, kull "sotto-indiċi ta' l-HICP" hu mfisser bħala kull indiċi tal-prezzijiet għal kull kategorija ta' l-ispejjeż elenkati fl-Anness I u llustrati fl-Anness II għal dan ir-Regolament. Dawn huma bbażati fuq il-klassifikazzjoni Coicop/HICP (klassifikazzjoni tal-konsum individwali skond l-iskop addattat skond il-ħtiġijiet tal-HICP) ([3]) "Tixrid" jirreferi għar-rilaxx tad-data f'kull forma.

*L-Artikolu3*

### Produzzjoni u trasmissjoni tas-sotto-indiċi

L-Istati Membri għandhom jipproduċu u jittrasmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) kull xahar is-sotto-indiċi kollha (L-Anness I) li għandhom piż li jkopri aktar minn parti waħda f'elf ta' l-ispiża totali koperta mill-HICP ([4]) Flimkien ma' l-indiċi għal Jannar 1997 l-Istati Membri għandhom jittrasmettu wkoll lill-Kummissjoni (Eurostat) informazzjoni dwar piż korrispondenti, u wara dan kull meta l-istruttura tal-piż tinbidel.

*L-Artikolu4*

### Tixrid tas-sotto-indiċi

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha xxerred is-sub-indiċi tal-HICP għall-kategoriji mniżżla fl-Anness I għal dan ir-Regolament billi jittieħed 1996 = 100.

*L-Artikolu5*

### Kontroll fuq il-kwalità

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat), fuq talba tagħha, b'informazzjoni dwar l-allokazzjoni ta' oġġetti u servizzi lill-kategoriji ta' l-ispiża ta' l-Anness I u II biżżejjed sabiex tiġi evalwata l-konformità ma' dan ir-Regolament.

*L-Artikolu6*

### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

([3]) L-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/96 tad-9 ta' Settembru 1996 dwar miżuri inizjali li jimplimentaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 li jikkonċerna indiċi armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur (ĠU L 229, ta' l-10.9.1996, p. 3).
([4]) B'mod konformi ma' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1749/96.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament f'kull Stat Membru.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Novembru 1996.

*Għall-Kummissjoni*
Yves-Thibault DE SILGUY
*Membru tal-Kummissjoni*

*L-ANNESS I*

**SOTTO-INDIĊI TAL-HICP**

| | |
|---|---|
| 01. | IKEL U XORB LI MHUX ALKOĦOLIKU |
| 01.1 | **Ikel** |
| 01.1.1 | Ħobż u cereali |
| 01.1.2 | Laħam |
| 01.1.3 | Ħut |
| 01.1.4 | Ħalib, ġobon u bajd |
| 01.1.5 | Żjut u xaħmijiet |
| 01.1.6 | Frott |
| 01.1.7 | Ħxejjex li jinkludu patata u tuberi oħra |
| 01.1.8 | Zokkor, ġamm, għasel, xiroppi, cikkulata u dolcerija |
| 01.1.9 | Prodotti ta' l-ikel *n.e.c.* |
| 01.2 | **Xorb li mhux alkoholiku** |
| 01.2.1 | Kafè, te u kawkaw |
| 01.2.2 | Ilma minerali, *soft drinks* u *juices* |
| 02. | XORB ALKOĦOLIKU U TABAKK |
| 02.1. | **Xorb alkoholiku** |
| 02.1.1 | Spirti |
| 02.1.2 | Inbid |
| 02.1.3 | Birra |
| 02.2 | **Tabakk** |
| 03. | ĦWEJJEG U ŻRABEN |
| 03.1 | **Ħwejjeg** |
| 03.1.1 | Materjal tal-ħwejjeġ |
| 03.1.2 | Ilbiesi |
| 03.1.3 | L-Artikoli oħra ta' ħwejjeġ u aċċessorji tal-ħwejjeġ |
| 03.1.4 | *Dry cleaning*, tiswija u kiri tal-ħwejjeġ |
| 03.2 | **Żraben, inkluż tiswija** |
| 04. | DJAR, ILMA, ELETTRIĊITÀ, GASS U KARBURANTI OĦRA |
| 04.1 | **Kiri attwali għad-djar** |
| 04.3 | **Manteniment regolari u tiswija ta' l-abitazzjoni** |
| 04.3.1 | Prodotti għall-manteniment regolari u t-tiswija ta' l-abitazzjoni |
| 04.3.2 | Servizzi għall-manteniment regolari u t-tiswija ta' l-abitazzjoni |
| 04.4A | **Servizzi oħra relatati ma' l-abitazzjoni** |
| 04.5 | **Eltettriċità, gass u karburanti oħra** |
| 04.5.1 | Elettriċità |
| 04.5.2 | Gass |
| 04.5.3 | Karburanti likwidi |
| 04.5.4 | Karburtanti solidi |
| 04.5.5 | Ilma sħun, fwar u silġ |

| | |
|---|---|
| 05. | TAGĦMIR, TAGĦMIR TAD-DAR U L-MANTENIMENT TAD-DAR TA' RUTINA |
| 05.1 | **Għamara, tagħmir u dekorazzjonijiet, tapiti u koperturi oħra ta' l-art u tiswijiet** |
| 05.1.1 | Għamara u fornituri |
| 05.1.2 | Tapiti u koperturi oħra ta' l-art |
| 05.1.3 | Tiswija ta' għamara, affarijiet ta' ġod-dar, għata għall-art |
| 05.2 | **Tessuti tad-dar** |
| 05.3 | **Tagħmir għas-sħana u għat-tisjir, *fridges*, magni tal-ħasil u tagħmir tad-dar bħal dan, li jinkludu tiswijiet u *fittings*** |
| 05.3.1/2 | Il-parti l-kbira tat-tagħmir tad-dar kemm elettriku u kemm m'huwiex u tagħmir żgħir ta' l-elettriku tad-dar |
| 05.3.3 | ??? Text fehlt! ??? |
| 05.4 | **Oġġetti tal-ħġieġ, tagħmir tal-mejda u għodda tad-dar** |
| 05.5 | **Għodda u tagħmir għad-dar u l-ġnien** |
| 05.6 | **Oġġetti u servizzi għar-rutina ta' manteniment tad-dar** |
| 05.6.1 | Oġġetti tad-dar li ma jdumux |
| 05.6.2 | Servizzi domestiċi u servizzi għaż-żamma tad-dar |
| 06.A | **SAĦĦA: Prodotti mediċi u farmaċewtiċi u tagħmir terapewtiku u apparat ieħor — imħallas mill-konsumatur u mhux rimborsat** |
| 07. | TRASPORT |
| 07.1 | **Xiri ta' vetturi** |
| 07.1.1 | Karozzi ġodda u użati |
| 07.1.2/3 | Muturi u roti |
| 07.2 | **Ħidma ta' tagħmir personali tat-trasport** |
| 07.2.1 | Kwadri partijiet u aċċessorji |
| 07.2.2 | Karburanti u lubrikanti |
| 07.2.3 | Manteniment u tiswijiet |
| 07.2.4A | Servizzi oħra rigward it-tagħmir tat-trasport personali |
| 07.3 | **Servizzi tat-trasport** |
| 07.3.1A | Trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija |
| 07.3.2A | Trasport tal-passiġġieri bit-triq |
| 07.3.3A | Trasport tal-passiġġieri bl-ajru |
| 07.3.4A | Trasport tal-passiġġieri bil-baħar u passaġġi fuq l-ilma fit-terra-firma |
| 07.3.5A | Servizzi tat-trasport mixtrija oħra |
| 07.3.6A | Biljetti kombinati |
| 08. | KOMUNIKAZZJONIJIET |
| 08.1 | **Komunikazzjonijiet** |
| 08.1.1 | Servizzi postali |
| 08.1.2/3 | Servizzi u tagħmir tat-telefon u *telefax* |
| 09. | RIKREAZZJONI U KULTURA |
| 09.1 | **Tagħmir u aċċessorji, inklużi t-tiswijiet** |
| 09.1.1 | Tagħmir għar-*reception,* reġistrazzjoni u riproduzzjoni ta' l-istampi u tal-ħoss |
| 09.1.2 | Tagħmir fotografiku u ċinematografiku u strumenti ottiċi |
| 09.1.3 | Tagħmir ta' l-iproċessar tad-*data* |
| 09.1.4 | Affarijiet li jdumu oħra għall-kultura u r-rikreazzjoni |
| 09.1.5 | Logħob, ġugarelli u passatempi, tagħmir għall-isport, ikkampjar u rikreazzjoni fil-beraħ |

| | |
|---|---|
| 09.1.6 | Reġistrazzjoni tal-*media* għall-istampi u l-ħoss |
| 09.1.7 | Manteniment tal-ġonna |
| 09.1.8 | Annimali |
| 09.1.9 | Tiswijiet tat-tagħmir u aċċessorji għall-kultura u r-rikreazzjoni |
| 09.2A | **Servizzi kulturali u rikreazzjonali** |
| 09.3 | **Gazzetti, kotba u *stationery*** |
| 09.4 | **Vaganzi organizzati** |
| 10.A | **EDUKAZZJONI — Normalment imħallsa mill-konsumaturi fl-Istati Membri** |
| 11. | LUKANDI, KAFES U RISTORANTI |
| 11.1 | **Ikel għal barra** |
| 11.1.1 | Ristoranti u kafes |
| 11.1.2 | *Canteens* |
| 11.2 | **Servizzi ta' l-akkomodazzjoni** |
| 12. | OĠĠETTI VARJI U SERVIZZI |
| 12.1 | **Kura personali** |
| 12.1.1 | Saluni tax-xagħar u stabbilimenti li jieħdu ħsieb id-dehra personali tan-nies |
| 121.2 | Tagħmir, L-artikoli u prodotti għall-kura personali |
| 12.2 | **Effetti personali *n.e.c.*** |
| 12.4A | **Assigurazzjoni** |
| 12.4.2A | Assigurazzjoni konnessa ma' l-abitazzjoni — Assigurazzjoni tal-kontenut |
| 12.4.4A | Assigurazzjoni konnessa mat-trasport — Assigurazzjoni tal-karozzi |
| 12.5A | **Servizzi Bankarji *n.e.c.*** |
| 12.6A | **Servizzi oħra *n.e.c.*** |

*L-ANNESS II*

**EŻEMPJI TAS-SUB-INDIĊI TAL-HICP ANALIŻI SKOND ID-DIVIŻJONI (livell ta' żewġ numri), GRUPP (livell ta' tliet numri) U KLASSI** (1) **(livell ta' erba' numri)** (2)

01. IKEL U XORB MHUX ALKOĦOLIKU

01.1 **Ikel**

Il-prodotti kklassifikati hawn huma dawk li ġeneralment jinxtraw għal konsum fid-dar. L-intestatura għalhekk jeskludi il-prodotti li normalment jinbiegħu għal konsum immedjat, bħal *sandwiches, hot dogs,* ġelati, eċċ. (11.1.1). Esklużi wkoll huma ikel imsajjar għal *take away* u l-prodotti ta' l-ikel lest ta' fornituri u kuntratturi tal-*catering* ukoll jekk dawn huma kkonsenjati id-dar tal-klijent (11.1.1). Prodotti li huma speċifikament mibjugħa bħala ikel tal-annimali huma koperti minn (09.1.8).

01.1.1 Ħobż u ċereali (ND)

- Ross fil-forom kollha inkluż ross ippreparat bil-laħam, bil-ħut, bil-frott tal-baħar u l-ħaxix
- Qamħirrum, qamħ, xgħir, ħafur, sikrana u ċereali oħra fil-forma ta' qamħ jew dqiq
- Ħobż u prodotti oħra moħmija bħal *crispbread,* biskutteli, ħobż *toasted,* gallettini, *gingerbread, wafers, waffles, crumpets domestiċi* u *muffins*
- Prodotti ta' l-għaġina bħal kejks, torti, *quiches* u pizza
- Prodotti ta' l-għaġin f'kull forma inkluż prodotti ta' l-għaġin li jkun fihom il-laħam, il-ħut, frott tal-baħar, ġobon jew ħaxix
- Prodotti oħra bħal xgħir, dqiq tax-xgħir, estratt tax-xgħir, lamtu tal-patata, tapioca, sago, lamti oħra, preparazzjonijiet taċ-ċereali (*cornflakes, oat flakes,* eċċ.) u ikel tat-trabi omoniġizzat, prodotti tad-dieta u ingredjenti ta' l-ikel ibbażżati fuq id-dqiq, lamtu u estratt tax-xgħir

*Jinkludi:* Kuskus u prodotti simili tad-dqiq ippreparati bil-laħam, ħut, frott tal-baħar jew ħaxix; taħlitiet u għaġina għal preparazzjoni tal-prodotti tal-fran jew prodotti ta' l-għaġina.

*Jeskludi:* Torti tal-laħam (01.1.2); torti tal-ħut (01.1.3); *sweetcorn* (01.1.7); ikel tat-trabi omoġenizzat, prodotti tad-dieta u ingridjenti ta' l-ikel li jkun fihom għall-inqas 50 % kawkaw (01.1.8).

01.1.2 Laħam (ND)

- Laħam frisk, imkessaħ jew iffriżat ta':
  - l-annimali tal-fart, nagħaġ, mogħoż u ħnieżer,
  - tjur u l-interjuri tat-tjur li jittiekel,
  - liebri, fniek u kaċċa (ċerv, ċinjal, faġan, gallozz, eċċ.),
  - żiemel, bagħal, ħmar, ġemel u bħal dawn,
- l-interjuri tal-laħam li jittiekel frisk, kiesaħ jew iffriżat,
- laħam niexef, immellaħ jew iffumigat u l-interjuri tal-laħam li jittiekel (zalzett, salami, *bacon,* perżut, pâté, eċċ.),
- laħam ieħor ippreservat jew ipproċessat u preparazzjonijiet tal-laħam (laħam tal-landa, estratti tal-laħam, *juices* tal-laħam, torti tal-laħam, eċċ.).

*Jinkludu:* Laħam u l-interjuri ta' mammiferi marittimi li jittiekel (bumerini, żwiemel tal-baħar, balieni, eċċ.).

*Jeskludi:* Prodotti magħmula mid-dqiq li jkun fihom il-laħam (01.1.1); żrinġijiet, bebbux ta' l-art u l-baħar (01.1.3); sopop li jkun fihom il-laħam (01.1.9); xaħam u xaħam ieħor ta' l-annimali li jittiekel (01.1.5).

(1) Bosta mill-klassijiet jinkludu oġġetti jew servizzi. Klassijiet li jkunu jinsabu fihom oġġetti huma mfissra jew b'(ND, (SD) jew (D) li jindikaw jew "*non-durable*", "semi-durable" jew "durable" rispettivament. (S) tfisser klassijiet li jkun fihom "servizzi". Ċerti klassijiet ikun jinsab fihom kemm oġġetti u servizzi għaliex hu diffiċli biex taqsamhom f'oġġetti u servizzi. Dawn il-klassijiet huma normalment mogħtija (S) għaliex il-komponent ta' servizz hu meqjus li hu predominanti. (E) tindika "enerġija" u (SEA) "prodotti ta' l-istaġun."

(2) Ibbażat fuq l-abbozz finali tal-klassifikazzjoni Coicop kif adottata f'laqgħa konġunta tal-UN-ECE/OECD/Eurostat dwar il-kontijiet nazzjonali f'Ġinevra mit-30 ta' April sat-3 ta' Mejju 1996.

01.1.3 Ħut (ND) (SEA)

- Ħut frisk, imkessaħ jew iffriżat
- Frott tal-baħar frisk, imkessaħ jew iffriżat (krustaċji inkluż granċi ta' l-art, molluski u frott tal-baħar bil-qoxra ieħor, bebbux ta' l-art u tal-baħar, żrinġijiet)
- Ħut jew frott tal-baħar niexef, iffumigat jew immellaħ
- Ħut u frott tal-baħar ieħor ippreservat jew ipproċessat u preparazzjonijiet tal-ħut u tal-frott tal-baħar (ħut u frott tal-baħar tal-bott, kavjar u bajd ieħor iebes, torti tal-ħut, eċċ.)

*Jeskludi:* Prodotti tad-dqiq li jkun fihom il-ħut (01.1.1); sopop tal-ħut (01.1.9).

01.1.4 Ħalib, ġobon u bajd (ND)

- Ħalib frisk, pastorizzat jew sterilizzat u ħalib bi ftit xaħam
- Ħalib ippreservat (ikkondensat, evaporat jew trab)
- *Yoghurt,* krema, deżerti ibbażati fuq il-ħalib, xorb ibbażat fuq il-ħalib u prodotti oħra bħal dawn ibbażati fuq il-ħalib
- Ġobon u baqta
- Bajd tat-tjur, trab tal-bajd u prodotti oħra tal-bajd magħmula totalment mill-bajd

*Jinkludi:* Ħalib, krema u *yoghurt* li jkun fihom iz-zokkor, kawkaw, frott jew ħwawar.

01.1.5 Żjut u xaħam (ND)

- Butir
- Margerina u xaħam ieħor tal-ħxejjex inkluż il-butir tal-karawett
- Żjut li jittieklu (żejt taż-żebbuġa, żejt tal-qamħa, żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol, żejt taż-żerriegħa tal-qoton, żejt tas-*soybean*, żejt tal-karawett, eċċ.)
- Xaħam ta' l-annimali li jittiekel (xaħam eċċ.)

*Jeskludi:* Żejt tal-bakkaljaw jew tal-fwied tal-ħalibutt (06.A).

01.1.6 Frott (ND) (SEA)

- Frott frisk jew imkessaħ
- Frott niexef, qxur tal-frott, il-qalba tal-frott, lewż u żrieragħ li jittiekel
- Frott iffriżat u ippreservat u prodotti bbażati fuq il-frott inkluż l-ikel tat-trabi omoniġġizzat, preparazzjonijiet tad-dieta u ingridjenti tat-tisjir ibbażati esklussivament fuq il-frott

*Esklużi:* Ħxejjex imkabra għall-frott tagħhom bħat-tadam, ħjar u brunġiel (01.1.7); ġamm, marmalejd, xroppi, ġeli, purees tal-frott u pejsts (01.1.8); partijiet tal-pjanti ippreservati fiz-zokkor (01.1.8); meraq tal-frott (01.2.2); konċentrati tal-frott u ġuleppi għat-tisjir (01.1.9) jew għal preparazzjoni ta' xorb (01.2.2).

01.1.7 Ħxejjex inkluż patata u tuberi oħra (ND) (SEA)

- Ħxejjex friski jew imkessħa
- Ħxejjex iffriżati
- Ħxejjex niexfa
- Ħxejjex oħra ppriservati jew ipproċessati u prodotti ibbażati fuq il-ħxejjex inkluż l-ikel tat-trabi omoniġġizzat, preparazzjonijiet tad-dieta u ingridjenti tat-tisjir ibbażati esklussivament fuq il-ħxejjex
- Patata friska jew imkessħa u tuberi oħra (*manioc, arrowroot,* kassava, patata ħelwa u għeruq lamti oħra)
- Prodotti tal-ħxejjex tal-basal (dqiq, qamħ mitħum oħxon, *flakes, purees, chips* u *crisps*) inkluż preparazzjonijiet iffriżati bħal patata chips

*Jinkludi: Sweetcorn*, bużbież tal-baħar u alka li tittiekel, ħxejjex aromatiċi (tursin, klin, sagħtar, eċċ.); faqqiegħ u faqqiegħ ieħor li jittiekel

*Jeskludi:* Lamtu tal-patata, tapjoka, segu u lamtijiet oħra (01.1.1); sopop, brodi u stokk (01.1.9); tewm, ġinġer, pimento u ħwawar oħra u kondimenti (01.1.9); meraq tal-ħaxix (01.2.2).

01.1.8 Zokkor, ġamm, għasel, ġuleppi, ċikkulata u ikel tal-ħelu (ND)

- Zokkor tal-kannamieli jew pitravi, mhux raffinat jew raffinat, fi trab, kristallizzat jew zokkor taċ-ċangaturi
- Ġammijiet, *marmaleids*, xroppi, ġeli, *purees* tal-frott u pejsts, naturali u artifiċjali, għasel, ġulepp u għasel iswed, inkluż partijiet ta' pjanti ippreservati fiz-zokkor
- Ċikkulata fi blokok, *chewing gum*, ħelu, karamelli, pastilji u prodotti tal-ħelu oħra
- Preparazzjonijiet tad-deserta, ikel tat-trabi omoniġizzat, prodotti tad-dieta u ingredjenti ta' l-ikel li jkun fihom mill-inqas 90 % cocoa
- Ġelati u silġ li jittiekel

*Jinkludi:* Sostituti taz-zokkor artifiċjali

*Jeskludi:* Kawkaw u ċikkulata mfarrka (01.2.1); ġuleppi għal preparazzjoni ta' xorb (01.2.2).

01.1.9 Prodotti tal-ikel *n.e.c.* (ND)

- Melħ, ħwawar, zlazi, kondimenti, ħwawar (mustarda, *mayonnaise, ketchup, soy sauce,* eċċ.), ħall, *baking powders* ippreparati, ħmira tal-furnar, preparazzjonijiet tad-deżerta, sopop, brodi, stokks, konċentrat tal-frott u ġuleppi għall-użu fl-ikel, eċċ.

*Jinkludi:* tewm, ġinġer, pimento; ikel tat-trabi omoniġizzat, preparazzjonijiet tad-dieta u ingridjenti ta' l-ikel ħlief dawk ibbażati fuq lamtu tad-dqiq jew estratt tax-xgħir (01.1.1) jew ibbażati esklusivament fuq frott (01.1.6) jew ħaxix (01.1.7) jew li jkun fihom għall-inqas 50 % kawkaw (01.1.8).

*Jeskludi:* ħwawar aromatiċi (01.1.7); preparazzjonijiet tad-deżerta li jkun fihom għall-inqas 50 fil-mija kawkaw (01.1.8).

01.2 **Xorb mhux alkoħoliku**

Xorb mhux alkoħoliku mqassam għal konsum immedjat, inkluż dawk minn makni tal-bejgħ awtomatiċi, huma koperti minn (11.1.1) and (11.1.2.).

01.2.1 Kafé, te u kawkaw (ND)

- Kafé, dekaffeinat jew m'huwiex, mixwi jew mitħun, inkluż kafé istantaneu, estratt tal-kafé u essenzi u sostitut tal-kafé
- Te, maté u prodotti oħra tal-pjanti għall-infużjoni
- Kawkaw, ħelu jew le, u ċikkulata mfarrka

*Jinkludi:* Preparazzjonijiet għax-xorb li jkun fihom kawkaw, ħalib, xgħir, eċċ.; kafé u sostituti tat-te; estratti u essenzi tal-kafé u t-te.

01.2.2 Ilma minerali, *soft drinks* u *juices* (ND)

- Ilma minerali
- *Soft drinks* bħal *sodas*, luminati u *colas*
- frott u *juices* tal-ħaxix
- Ġulepp u konċentrati għall-preparazzjoni tax-xorb

*Jeskludi:* Spirti mhux alkoħoliċi, *liqueurs*, eċċ (02.1.1); inbid mhux alkoħoliku, sidru, eċċ. (02.1.2) u birra mhux alkoħolika (02.1.3).

02. XORB ALKOĦOLIKU U TABAKK

02.1 **Xorb alkoħoliku**

Xorb alkoħoliku mqassam għal konsum immedjat, inkluż dawk minn magni tal-bejgħ awtomatiċi, huma koperti minn (11.1.1) and (11.1.2).

02.1.1 Spirti (ND)

- Spirti u likuri.

*Jinkludi: Mead;* aperitivi għajr minn aperitivi ibbażati fuq l-inbid; spirti mhux alkoħoliċi, likuri, eċċ.

02.1.2 Inbid (ND)

- Inbid mill-għenba jew frott ieħor inkluż sidru u *perry*
- Aperitivi bbażati fuq l-inbid, inbid imsaħħah, xampanja u nbejjed oħra effervexxenti, *sake* u bħal dawn

*Jinkludi:* Inbid mhux alkoħoliku, sidru, eċċ.

02.1.3 Birra (ND)

- Kull tip ta' birra bħal *ale, lager* u *porter*

*Jinkludi:* Birra bi ftit alkoħol u birra mhux alkoħolika.

02.2 **Tabakk (ND)**

- Sigaretti u karti tas-sigaretti
- Sigarri, tabakk tal-pipa, tabakk li jintgħomod jew tabakk ta' l-imnieħer

*Jinkludi:* Xiri ta' tabakk fil-kafes, bars, ristoranti, stazzjonijiet tas-servizzi, eċċ.

*Jeskludi:* l-Artikoli oħra ta' min ipejjep (12.2).

03. ĦWEJJEĠ U ŻRABEN

03.1 **Ħwejjeġ**

03.1.1 Materjali tal-ħwejjeġ (SD)

- Materjali tal-fibri naturali, fibri magħmula mill-bniedem u ta' taħlita ta' fibri naturali u ta' dawk magħmula mill-bniedem

*Jeskludi:* Materjal tat-tagħmir (05.2).

03.1.2 Ilbiesi (SD)

- Ilbiesi għall-irġiel, nisa, tfal (3 sa 13-il sena) u trabi (0 sa 2), jew lesti biex jintlibsu jew magħmula fuq il-qies, f'kull materjal (inkluż ġilda, *furs,* plastics u gomma), għall-użu ta' kuljum, għall-isports jew għax-xogħol:
  - kapep, kapotti, inċirati, *anoraks,* parkas, *blousons,* eċċ.
  - ġgieget, qliezet, sdieri, ilbiesi, dbielet, kostumi, lbiesi meħjuta, eċċ.
  - qomos, *blouses, pullovers, sweaters, cardigans,* eċċ.
  - T-shirts, flokkijiet, qliezet ta' taħt, peduni, *stockings, tights,* reġġipetti, *knickers,* panċieri, *corsets*
  - piġami, night-shirts, ilbiesi ta' ġewwa, *dressing* gowns u malji
  - ħwejjeġ tat-trabi inklużi qlejba tat-trabi magħmula mid-drapp u *booties* tat-trabi magħmula mid-drapp

*Jeskludi:* l-Artikoli ta' stoffa medikali bħal kalzetti bil-lastku (06.A); qlejbiet tat-trabi magħmula mill-karti u tajjar (12.1.2).

03.1.3 l-Artikoli oħra ta' ħwejjeġ u aċċessorji tal-ħwejjeġ (SD)

- Ingravati, imkatar, xalpi, kwadri, ingwanti, ingwanti bla swaba, *muffs,* ċinturini, ċingi, fradal, vavalori, sleeve protectors, kpiepel, brieret, *berets, bonnets, crash helmets*
- Ħjut għall-ħjata, suf tan-nitting u aċċessorji sabiex jintgħamlu il-ħwejjeġ bħall-bokkli, buttuni, *press-studs, zip-fasteners,* żigarelli, lazzijiet, *trimming,* eċċ

*Jeskludi:* Ingwanti u L-artikoli oħra magħmula mill-gomma (05.6.1); labar, labar tal-ħjata u tan-nitting (05.6.1); headgear prottetiv għall-isports (bħal dawk użati fl-*ice hockey, American football, baseball, cricket,* ċikliżmu, boxing, eċċ.) (09.1.5); gear ieħor prottetiv għall-isports bħal ġgieget tas-salvataġġ, ingwanti tal-*boxing, shin-guards, pads* u *padding, goggles,* ċinturini, eċċ. (09.1.5); imkatar tal-karti (12.1.2); arloġġi, ġojjelli, *cufflinks, tie-pins* (12.2); bsaten u qasab, umbrelli, fanijiet, *key rings* (12.2).

03.1.4 *Dry-cleaning,* tiswija u kiri tal-ħwejjeġ (S)

- *Dry-cleaning,* ħasil u tinturaġġ
- Sarsir, tiswija, u tibdil ta' l-ilbiesi
- Kiri ta' l-ilbiesi

*Jeskludi:* Kiri tal-bjankerija tad-djar (5.6.2).

03.2 **Żraben, inkluż it-tiswija (SD)**

– Kull għamla ta' żraben għall-irġiel, in-nisa, it-tfal (3 sa 13-il-sena) u trabi (0 sa sentejn) inkluż żraben ta' l-isports addattati għal kuljum jew ilbies informali (żraben għal *jogging, cross-training, tennis, basketball, boating,* eċċ.)

– Partijiet minn żraben (tkaken, pettijiet, eċċ.)

– Tiswija taż-żraben, inkluż servizzi tat-tindif taż-żraben

– Kiri taż-żraben, ħlief kiri ta' żraben għal xi logħob speċifiku (żraben tal-*bowling,* boots tal-futball, running spikes, boots ta' l-iskis, żraben adattati bl-ice *skates* jew rollers, eċċ.) (09.2).

*Jinkludi:* Getti, *leggings* u L-artikoli bħal dawn; aċċessorji għaż-żraben bħal *shoe trees* u *stretchers.*

*Jeskludi:* Booties tat-trabi magħmula mid-drapp (03.1.2); żraben ortopediċi (06.A); żraben ta' logħob speċifiku (żraben tal-bowling, boots tal-futbol, *running spikes,* żraben ta' l-iski, żraben addattati bl-*ice skates* jew *rollers,* eċċ.) (09.1.5); *shin-guards, cricket* pads u tagħmir ieħor protettiv għall-isport (09.1.5).

04. TAD-DJAR, ILMA, ELETTRIKU, GASS u KARBURANTI OĦRA

04.1 **Kirjiet attwali għad-djar (S)**

Kirjiet normalment jinkludu ħlas għall-użu ta' l-art fuqiex qiegħda l-proprjetà, spazju okkupat u aperturi u tagħmir għas-sħana, għall-ilma, għad-dawl, eċċ.

Kirjiet jinkludu wkoll ħlas għall-użu ta' garaxx sabiex jipprovdi għall-*parking* mad-dar. Il-garaxx m'hemmx għalfejn ikun fiżikament qrib ir-residenza; lanqas m'hemm għalfejn ikun mikri mill-istess sid.

Kirjiet ma jinkludux imposti għall-elettriku, gass, sħana, ilma, provista ta' l-ilma sħun u ġbir ta' l-iskart.

Ikopri:

– Kirjiet imħallsa attwalment mill-kerreja jew sub-kerreja li jokkupaw fond bla għamara jew bl-għamara bħala r-residenza ewlenija.

– ??? Text fehlt ???

*Jinkludi:* Pagament għall-użu ta' l-għamara f'każ ta' djar mikrija bl-għamara; kirjiet lill-familji li jokkupaw akkomodazzjoni għat-tul ta' perijodu tal-vaganzi (NB: jekk disponibbli għax-xiri fit-territorju ekonomiku inklużi għall-istess raġuni bħala pakkett għal vaganzi); ħlas minn tad-dar li jokkupaw kamra f'kull lukanda jew bħala dar ta' alloġġ bħala r-residenza ewlenija tagħhom.

*Jeskludi:* Kirjiet ta' garaxxijiet jew spazji ta' parkeġġ li ma jipprovdux parkeġġ inkonessjoni mal-fond (07.2.4A); kirjiet imħallsa minn persuni li joqogħodu *f'hostels* u stabbilimenti bħal dawn (11.2); kirjiet għal akkomodazzjoni f'villaġġi tal-vaganzi u ċentri tal-vaganzi (11.2).

04.3 **Manteniment regolari u tiswija tad-dar**

Manteniment regolari u tiswija tad-djar huma distinti b'żewġ fatturi: l-ewwel, huma attivitajiet li s-sid jew kerrej hu obbligat li jagħmel regolarment sabiex iżomm id-dar f'kundizzjoni tajba; it-tieni, ma jbidlux l-osservanza, il-kobor jew it-tul mistenni ta' servizz tad-djar.

Kull spiża li jagħmlu l-kerrejja f'materjali u servizzi għat-tiswija regolari u l-manteniment tad-djar huma parti mill-ispiża regolari tal-konsum tal-familji.

Spejjeż minn sidien-detenturi f'materjali għat-tiswija regolari u l-manteniment tad-djar li huma magħmula mis-sidien-detenturi nfushom huma parti mill-ispejjeż tal-konsum individwali tal-familji. Spejjeż minn sidien-detentur f'servizzi għat-tiswija regolari u l-manteniment tad-djar ekwivalenti għal spejjeż simili magħmula mill-kerreja huma wkoll parti mill-ispejjeż tal-konsum individwali. Spejjeż oħra minn sidien-detenturi fuq servizzi għat-tiswija regolari u l-manteniment ta' djar jikkostitwixxu konsum intermedjarju.

Xiri ta' materjali magħmula minn kerrejja jew sidien-detenturi bl-intenzjoni li jagħmlu l-manteniment u t-tiswijiet huma stess għandhom jintwerew taħt 04.3.1. Jekk, madankollu, kerrejja jew sidien-detenturi jħallsu kull stabbiliment sabiex iwettaq il-manteniment jew tiswijiet il-valur totali tas-servizz, inkluż l-ispejjeż tal-materjali użati, għandhom jintwerew taħt 04.3.2.

04.3.1 Prodotti għal manteniment regolari u t-tiswija tad-dar (ND)

– Prodotti bħal żebgħat u lostri, sfrakass, *wallpaper, wall coverings* tad-drapp, ħġieġ tat-twieqi, tkaħħil, siment, stokk, kolla tal-*wallpaper.* Ħwejjeġ żgħar tad-drenaġġ (pajps, *tapes,* jonti, eċċ) u materjali għall-wiċċ (boards tal-pavimenti, madum taċ-ċeramika, eċċ.) huma inklużi.

*Jeskludi:* Twapet *fitted* u linoleum (05.1.2); għodda ta' l-idejn, *fittings* tal-bibien, *sockets* tad-dawl, *wiring flex* u bozoz (05.5); xkupi, xkupilji tat-tfarfir u ta' l-għorik u prodotti tat-tindif (05.6.1); prodotti użati għat-tiswijiet ewlenin, estensjonijiet u konverżjoni ta' djar (formazzjoni ta' kapital).

04.3.2 Servizzi għal manteniment regolari u t-tiswija tad-dar (ND)

– Servizzi ta' *plumbers, electricians,* mastrudaxxi, vitrar, bajjada, dekoraturi, illustraturi tal-pavimenti, eċċ. imqabbda għall-manteniment u t-tiswija regolari tad-dar. Ikopru l-valur totali tas-servizz, jiġifieri kemm l-ispejjeż tax-xogħol u l-ispejjeż tal-materjali huma koperti.

*Jeskludi:* Servizzi imqabda għal tiswijiet ewlenin, estensjonijiet u konverżjonijiet ta' djar (formazzjoni tal-kapital).

04.4A **Servizzi oħra relatati mad-dar (S)** ([1])

– Ġbir taż-żibel — il-konsumaturi jħallsu skond il-konsum (04.4.1A)

– Servizzi tad-drenaġġ — il-konsumaturi jħallsu skond il-konsum (04.4.2A)

– Provista ta' l-ilma — il-konsumaturi jħallsu skond il-konsum (04.4.3A)

– Servizzi oħra relatati mad-dar *n.e.c.* (04.4.4)

  – *caretaking,* ġardinaġġ, tindif u dawl it-turġien, manteniment tal-*lifts* u chutes għar-rimi ta' l-iskart f'bini okkupat minn ħafna,

  – tneħħija tal-borra u tindif taċ-ċumniji,

  – tindif tat-toroq

*Jinkludi:* Spejjeż assoċjati bħall-kirja tal-meters, il-qari tal-meters, imposti permanenti eċċ.

*Jeskludi:* Il-provista ta' ilma sħun jew ta' fwar (04.5.5); disinfezzjoni u sterminazzjoni ta' insetti (05.6.2).

04.5 **Elettriku, gass u karburanti oħra**

04.5.1 Eletriku (ND) (E)

*Jinkludi:* Spejjeż assoċjati bħall-kirja tal-meters, il-qari tal-meters, imposti permanenti eċċ.

04.5.2 Gass (ND) (E)

– *Town gas* u gass naturali

– Idrocarboni llikwidifikati (*butane, propane,* eċċ.)

*Jinkludi:* Spejjeż assoċjati bħall-kirja tal-*meters,* il-qari tal-*meters,* kontejners għal ħażna, imposti permanenti eċċ.

04.5.3 Karburanti likwidi (ND) (E)

– Żejt domestiku biex issaħħan u żejt tal-lampi

04.5.4 Karburanti solidi (ND) (E)

– Faħam, kokk, briquettes, *firewood, charcoal, peat* u bħal dawn

04.5.5 Ilma sħun, fwar u silġ (ND) (E)

– Ilma sħun u fwar mixtrija

– Silġ użat għat-tkessiħ u skopijiet ta' refriġerazzjoni

05. TAGĦMIR, TAGĦMIR TAD-DJAR U MANTENIMENT REGOLARI TAD-DAR

05.1 **Għamara, tagħmir u dekorazzjonijiet, twapet u koperturi tal-pavimenti u tiswijiet**

05.1.1 Għamara u tagħmir (D)

– Sodod, sufani, divani, imwejjed, siġġijiet, armarji, gradenzi u xkaffi tal-kotba

– Tagħmir tad-dawl bħal dwal tas-saqaf, lampi normali, dwal globu u lampi ta' ħdejn is-sodda

([1]) “Il-konsumaturi jħallsu skond il-konsum”: (i) meta jħallsu imposti li huma mkejla, (ii) meta jħallsu kull rata waħda li tista' tiġi meqjusa bħala stima tal-konsum tagħhom tas-servizz, jew (iii) meta jħallsu kull miżata ta' konnessjoni li tħalli ċertu ammont ta' konsum tas-servizz; il-konsumaturi ma jħallsux skond il-konsum meta s-servizz hu finanzjat mit-taxxi.

- Stampi, skulturi, inċiżjonijiet u oġġetti oħra ta' l-arti inkluż riproduzzjonijiet ta' xogħlijiet ta' arti u ornamenti oħra
- Paraventi, paraventi li jintwew u għamara u tagħmir ieħor

*Jinkludi:* Installazzjoni meta applikabbli; saqqijiet tal-qiegħ, *tatamis;* armadji tal-kmamar tal-banju; għamara tat-trabi bħal benniniet, seggiolini u *play-pens; blinds* bl-eċċezzjoni ta' *blinds* tal-materjal ta' tessut (05.2); għamara tal-kampeġġ u tal-ġnien bl-eċċezzjoni ta' *sunshades* (05.2); mirja, *candle-holders* u gandlieri.

*Jeskludi:* Safes (05.3.1/2); arloġġi (12.2); termometri tal-ħajt u barometri, karozzini tat-trabi u *push-chairs* (12.2).

05.1.2 Twapet u kisi ieħor tal-pavimenti (D)

- Twapet *loose*, twapet *fitted*, linoleum u kisi ieħor tal-paviment

*Jinkludi:* Tqegħid tal-kisi.

*Jeskludi:* *Boards* tal-paviment u madum tal-paviment taċ-ċeramika (04.3.1); twapet tal-kamra tal-banju, twapet tal-ġummar u twapet ta' wara l-bieb (05.2).

05.1.3 Tiswija ta' l-għamara, tagħmir u kisi tal-paviment (S)

*Jinkludi:* Restawrazzjoni ta' għamara antika u xogħlijiet ta' l-arti; tindif ta' l-għamara, tagħmir u kisi tal-paviment.

*Jeskludi:* Installazzjoni 05.1.1 or 05.1.2.

**05.2 Drappijiet għad-dar (SD)**

- Tessuti għat-tagħmir, purtieri, purtieri doppji, tined, putieri tal-bibien u *blinds* tat-tessut
- Friex bħal saqqijiet, *futons,* imħadded, *bolsters* u *hammocks*
- Friex bħal lożor, investi, gverti, *rugs* ta' l-ivvjaġġar, xalel, kutri tar-rix, *counterpanes* u *nets* tan-nemus
- Bjankerija ta' l-imwejjed u tal-kmamar tal-banju bħal tvalji u srievet, *bathrobes,* xugamani u *face-cloths*
- Tessuti oħra għad-dar bħal basktijiet tax-xiri, *laundry bags,* koperti għall-ħwejjeġ u l-għamara, bnadar, *sunshades,* eċċ.
- Tiswija tad-drappijiet tad-dar

*Jinkludi:* Ċraret mixtrija bil-pezza; *oilcloth;* tapiti tal-kmamar tal-banju, twapet tal-ġummar u twapet ta' wara il-bieb.

*Jeskludi:* Koperti tal-ħajt tat-tessut (04.3.1); kisi tal-paviment bħal twapet u *fitted carpets* (05.1.2); kiri ta' bjankerija (05.6.2); koperti għal karozzi, muturi, eċċ. (07.2.1); saqqijiet ta' l-arja u *sleeping bags* (09.1.5).

**05.3 Tagħmir li jsaħħan u jsajjar, *refrigerators, washing machines* u tagħmir bħal dan, inkluż fittings u tiswijiet**

05.3.1/2 Tagħmir ewlieni tad-dar kemm ta' l-eletriku jew m’huwiex (D) u apparat żgħir ieħor ta' l-eletriku (SD)

- *Refrigerators, freezers* u *fridge-freezers*
- *Washing machines* tal-ħwejjeġ, *drying machines* tal-ħwejjeġ, *dish washing machines* u makkinarju tal-mogħdija u tal-pressa
- *Cookers, spit roasters, hobs, ranges,* fornijiet u *micro-wave ovens*
- Air conditioners, humidifiers, space heaters, heaters ta' l-ilma, ventilaturi u *extractor hoods*
- *Vacuum cleaners,* makkinarju ta' l-*isteam-cleaning,* makkinarju tax-*shampooing* tat-twapet u makkinarju tat-togħrik, *waxing* u ta' l-illustrar tal-pavimenti
- Tagħmir ieħor ewlieni tad-dar bħal *safes,* magni tal-ħjata u tan-*knitting, water softeners* u *drying cabinets*
- Magni li jitħnu l-kafé, magni li jagħmlu l-kafé, *juice extractors, can openers, mixers* ta' l-ikel, *deep fryers, grills* tal-laħam, skieken, toasters, magni li jagħmlu l-ġelat u *s-sorbet, yoghurt makers, hotplates,* ħadida tal-mogħdija, ktieli, fannijiet, mwieżen tad-dar

*Jinkludi:* Installazjoni tat-tagħmir.

*Jeskludi:* Dak it-tagħmir huwa mibni fl-istruttura tal-bini (formazzjoni tal-kapital); tagħmir tad-dar mhux ta' l-elettriku żgħir u għodod tal-kċina (05.4); imwieżen tan-nies u mwieżen tat-trabi (12.1.2).

05.3.3 Tiswija tat-tagħmir tad-dar (S)

*Jeskludi:* Installazjoni tat-tagħmir kbir tad-dar.

**05.4 Affarijiet tal-ħġieġ, tal-mejda u għodod tad-dar (SD)**

- Ħġieġ u kristall għad-dar, l-uffiċċju u dekorazzjoni
- Affarijiet tal-mejda u tad-dar jew L-artikoli tat-*toilet* magħmula minn porċellana, ċeramika, ġebel, kina, terra-cotta
- Koltellerija, posati u platti u arġenterija
- Għodda tal-kċina li m'hijiex ta' l-elettriku ta' kull materjal bħal kazzoli, borom, taġnijiet, *grills,* magni li jidħnu l-kafè, *purée-makers,* magni li jikkappuljaw, *hotplates,* mwieżen u affarijiet oħra mekkaniċi bħal dawn
- Affarijiet oħra tad-dar ta' kull materjal bħal kontenituri għal ħobż, għall-kafè, għall-ħwawar, eċċ., bramel taż-żibel, *laundry baskets,* karusijiet portabbili u *strong-boxes,* rails tax-xugamani, kavaletti tal-fliexken, *boards* tal-ħadid u tal-mogħdija, kaxxi ta' l-ittri, biberoni, *thermos flasks* u kaxxi tas-silġ
- Tiswija ta' dawn l-affarijiet

*Jeskludi:* Tagħmir tad-dawl (05.1.1); tagħmir tad-dar ta' l-elettriku (05.3.1/2); affarijiet tal-mejda tal-kartun (05.6.1); mwieżen personali u mwieżen tat-trabi (12.1.2).

**05.5. Għodda u tagħmir għad-dar u għall-ġnien (D, SD)**

- Għodda bil-mutur u tagħmir bħal trapani ta' l-elettriku, srieraq, *sanders* u *hedge cutters,* tratturi tal-ġonna, *lawn mowers* bil-mutur, *cultivators, chain saws* u pompi ta' l-ilma
- Għodda ta' l-idejn bħal martell, tornaviti, spaners u tnalji
- Għodda tal-ġnien bħal *lawn mowers* ta' l-idejn, karretti, mwieżaq, pali, rixtelli, frieket, mnieġel u imqassijiet taż-żabra
- Slielen u turġien
- Tagħmir tal-bibien (ċappetti, *handles* u lokkijiet), tagħmir tar-radiators u tal-*fireplaces* u oġġetti oħra tal-metall għad-dar (bsaten tal-purtieri, bsaten tat-twapet, ganċi, eċċ.) jew għall-ġnien (ktajjen, gradilji, bsaten u segmenti bil-hoop għall-reċinzzjoni u għall-borduri)
- Aċċessorji żgħar ta' l-elettriku bħal *sockets* tad-dawl, *switches, wiring flex,* bozoz, tubi tad-dawl fosforixxenti, torċi, lampi tal-idejn, batteriji ta' l-elettriku għall-użu ġenerali, qniepen u alarmi
- Tiswija ta' dawn l-oġġetti

**05.6 Oġġetti u servizzi għall-manteniment ta' rutina tad-dar**

05.6.1 Oġġetti tad-dar li ma jservux (ND)

- Prodotti tal-ħasil u tal-manteniment bħal sapun, trab tal-ħasil, trab għall-għorik, *detergents,* diżinfettanti ta' l-ibbliċjar, *conditioners,* prodotti għall-ħasil tat-twieqi, xama', lostri, żebgħat, aġenti li jifthu, diżinfettanti, insettiċidji, *fungicides* u ilma distillat
- Prodotti tal-karti bħal filters, tvalji u srievet, karta tal-kċina, boroż tal-*vacuum cleaner* u oġġetti tal-mejda tal-kartun, inklużi tertuq ta' l-aluminium u boroz tal-plastik taż-żibel
- Oġġetti għat-tindif bħal xkupi, broxkijiet, pali u xkupilji tat-tfarfir, dusters, srievet, ċraret ta' l-art, sponoż, barixxa, *steel wool* u kamoxxi
